Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, l-10 ta' Dicembru 2024**

**Distrett Zurrieq**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Janetta Grixti)**

**Versus**

**Mark Ellul**
**(316488M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Mark Ellul** detentur tal-karta tal-identita' 316488M.

Akkuzat talli nhar id-19 ta' April 2021 ghall-habta ta' 12:00hrs gewwa Triq il-Bizantini, Qrendi:

1. Iggesta attivita' kummercjali bil-permess minn gewwa l-fond Paul and Mark li jinsab fi Triq il-Bizantini, Qrendi u f'din l-attivita' pogga ghall-bejgh artikolu jew kull oggett iehor barra minn dan il-fond, u bhala persuna responsabbli minn din l- attivita' naqas li jara li dan ma johloqx ostakoli ghan-nies li jkunu ghaddejin bil-mixi u li tali artikolu jew oggetti ma jkunux jeccedu il-hamsin centimetru 'il barra fuq l-imsemmija bankina.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti wara li rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali hija konvinta illi l-akkuza migjuba fil-konfront ta' l-imputat ma gietx ppruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lil imputat mhux hati ta' l-akkuza migjuba kontrih u tilliberah minnha.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**